MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 279/2009

**Joseph Farrugia ID 506050(M) u**
**martu Maria Dolores Farrugia (ID 399951M)**

**Vs**

**Carmel Mercieca (ID 81545M), Keith Mercieca**
**(ID 565376M) u Stanley Mercieca (ID 351971M)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta’ tmint elef mija u tlieta u hamsin Euro (Euro 8,153) oltre l-ispejjes u l-interessi, liema ammont jirraprezenta ammont imhallas mill-atturi lill-HSBC Bank Malta plc tramite kuntratt pubbliku ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Bonnici fl-erbatax (14) ta’ Mejju 2008 (Dok A anness mal-avviz), liema ammont jirraprezenta ammont misluf mill-istess bank lill-Carmel Mercieca u lill-mejta martu Rita Mercieca u ghall-liema

self l-atturi keinu servew bhala garanti ta' l-istess Carmel u Rita konjugi Mercieca, u liema self baqa qatt ma thallas mill-istess Carmel u Rita konjugi Mercieca, bil-konsegwenza li l-istess bank esiga u ottjena hlas minghand l-atturi garanti, bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess avviz u markat Dok A a fol 2 sa fol 5 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-istess konvenuti (fol 8 tal-istess atti) u li biha qalu bil-qima:-

1. Illi fl-ewwel lok id-dejn li ghalih dahlu garanti l-atturi kien dejn ta' Carmel Mercieca u martu Rita Mercieca li llum mejta li kienu jirraprezentaw il-kumpanija Stankeit Co. Ltd;
2. Illi din il-kumpanija llum ilha zmien li giet dikjarata falluta;
3. Illi Keith Mercieca la kellu dejn u lanqas kien jaghmel parti minn din il-kumpanija;
4. Illi Stanley Mercieca ma kellux dejn personali li ghalih dahallu garanti l-attur u kull ma kien fil-kumpanija Stankeit Co Ltd, 'minority shareholder' illi s-'shares' tieghu kienu kollha 'paid up'.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specifikament dak verbalizzat mill-istess partijiet waqt is-seduta tal-17 ta' Jannar 2011 kif jidher a fol 73 u fol 74 tal-istess atti.

Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi, fis-seduta li nzammet fl-17 ta' Jannar 2011 kif risultanti mill-verbal relattiv ghal din is-seduta, il-partijiet ittransigew din il-kawza kif ser jinghad:-

a) Il-konvenut Carmel Mercieca, wahdu, ammetta t-talba attrici waqt li , da parti tal-atturi, dawn cedew l-atti ta'

din il-kawza fil-konfront tal-konvenuti l-ohrajn, Keith u Stanley Mercieca.

b) In rigward l-ammont involut, il-konvenut, Carmel Mercieca, obbliga ruhu li jhallas lill-atturi, dak kollu anness minnu b'rati mensili ta' €100 bl-ewwel (1) rata dovut matul l-ewwel (1) gimgha ta' Frar 2011. Dwar l-istess pagamenti sakemm il-konvenut Carmel Mercieca jkun puntwali, kif inghad, ma ghandux jiddekorri imghax fil-konfront tieghu.

c) Dwar l-ispejjes ta' din il-kawza, dawn ghandhom jithallsu kollha kemm huma mill-istess konvenut, Carmel Mercieca.

d) Fl-ahharnett, din it-transazzjoni kif premessa kellha tigi inkorporata f'sentenza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-proceduri fil-konfront tal-konvenuti Keith u Stanley Mercieca u tiddikjara il-procediment esawrit fil-konfront ta' dawn il-konvenuti tikkundanna lill-konvenut, Carmel Mercieca sabiex jhallas lill-atturi s-somma ta' €8153 pagabbli mill-istess konvenut b'rati mensili €100 bl-ewwel skadenza dovuta matul l-ewwel (1) gimgha ta' Frar 2011 u dan minghajr imghax sakemm l-istess konvenut jkun puntwali bil-pagament tar-rata mensili kif mifthema ta' €100 dovuta u pagabbli matul l-ewwel gimgha ta' kull xahar sussegwenti bl-ewwel rata dovuta matul l-ewwel gimgha tax-xahar ta' Frar 2011. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-att pubbliku u esebit in atti a fol 2 sa fol 5 tal-atti, dawn kollha jithallsu mill-istess konvenut Carmel Mercieca.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------